MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA**

Seduta tat-28 ta' Frar, 2005

Numru 971/2002

**Il-Pulizija**
**Spettur Edel Mary Camilleri**
**V**

**ALFRED ATTARD**

**Il-Qorti;**

Rat li l-imputat **ALFRED ATTARD** ta' erbgha w hamsin sena bin Paul u Rosaria nee Camoin, imwieled Valletta nhar s-sitta ta' Dicembru 1947 u joqghod 'Wendeb', 8, Mile-End Avenue, Hamrun, detentur tal-karta tal-identita` numru 1062147M gie mressaq quddiemha u akkuzat talli fid-disgha ta' Awissu 2002 fil-Marsa, bhala ufficjal jew impjegat f'amministrazzjoni pubblika jew bhala mpjegat tal-Gvern jew mal-Gvern, sew jekk kellu sew jekk ma kellux jedd li jesigi flus jew hwejjeg ohra bhala salarju tad-dmirijiet tieghu jew akkont tal-Gvern, jew ta' stabbiliment pubbliku, illi taht l-libsa tal-kariga tieghu, eziga dak li l-ligi

ma tippermettix jeew izjed minn dak li tippermetti l-ligi, jew qabel iz-zmien li jmiss skond l-ligi.

Talli bhala ufficjal jew impjegat pubbliku li in konnessjoni mal-kariga jew impjieg tieghu, talab, ircieva jew accetta ghalih jew ghal haddiehor, xi rigal jew weghda jew offerta ta' xi rigal fi flus jew f'utili iehor, jew ta' xi vantagg iehor, li ghalihom m'ghandux jedd.

Rat s-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) per Magistrat Dottor Carol Peralta nhar l-erbgha w ghoxrin ta' Frar 2003 fejn kien gie dikjarat procediment ezawrit stante li l-akkuzi prima facie ma rrizultawx fil-konfront tal-imputat odjern [fol 21].

Rat r-rikors t'Appell tal-Avukat Generali datat nhar s-sebgha ta' Marzu 2003 [fol 26] kif wkoll is-sentenza tal-istess Qorti tal-Appell Kriminali datata hamsa w ghoxrin ta' Settembru 2003 [fol 32 et seq tal-atti] fejn dik il-Qorti tal-Appell hasret w annullat is-sentenza tal-prim'istanza w ordnat li l-atti jigu mibghuta lil Qorti tal-Magistrati (Malta) biex terga tittratta u tiddecidi mill-gdid din il-kawza.
Rat l-atti kollha tal-kawza inkluz l-kunsens tal-Avukat Generali datat erbgha ta' Dicembru 2002 esibit a fol 10 tal-atti sabiex din il-kawza tigi trattata bi procedura sommarja.

Semghet lil imputat jiddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha fuq riferuta u dan kif jirrizulta a fol 9 meta sar l-ezami tal-imputat ai termini tal-artikolu 370(4), 390(1) u 392 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta nhar l-erbgha w ghoxrin ta' Frar 2003.

Semghet ix-xhieda prodotti mill-Prosekuzzjoni u lil imputat jixhed minn jeddu b'mod voluntarju.

Semghet lil partijiet jittrattaw il-kawza fis-seduta tat-tmintax ta' Jannar 2005.

Ikkunsidrat:

Illi **nhar l-erbgha w ghoxrin ta' Frar 2003 xehdet l-Ufficjal Prosekutur l-Ispettur Edel Mary Camilleri [fol 14]** fejn qalet li *way back* fid-disgha ta' Settembru 2002, kien mar ghandha certu Anthony McKay, fejn ghamel rapport li kien jirrigwarda kaz li kien gara fid-disgha ta' Awissu 2002 fejn allega li l-mara tieghu u ohtha, kif wkoll habiba taghhom, kienu gejjin minn Catania fid-disgha ta' Awissu 2002 u meta waslu t-terminal l-Marsa minn Sqallija bil-catamaran u dahlu Malta, iltaqghu ma xi problemi ma ufficjal tad-dwana certu Alfred Attard, l-imputat odjern. Qalet li dan Anthony McKay kien ilmenta maghha li Alfred Attard kien talabhom ammont ta' flus bhala dazju, cirka hamsin lira maltin, skond dak li kellhom jiddikjaraw fuq l-oggetti li kienet qed iggorr fuqha l-mara tieghu Rachael McKay. Qalilha li meta waslu fit-terminal martu Rchael McKay cemptitlu waqt li kien qed jistenna barra t-terminal, u qaltlu b'dak li talabha Alfred Attard l-Ufficjal tad-Dwana u wara li dahal hdejn martu, inqalet xi problema teknika fis-sens li ma setghax jifhem ghaliex kien talabha dawk il-hamsin lira. Dan sar fil-presenza tal-Ufficjal tad-Dwana Hector Piccinino, Customs Officer. Gie allegat li din is-somma ta' hamsin lira nizlet ghal erbghin lira, u wara ghal tletin lira u dan dejjem bhala dazju. Qalet li Anthony Mckay kien qalilha li hu beda jargumenta mal-imputat fis-sens li xtaq ikun jaf ghal x'hiex talabha hamsin lira dazju fuq l-oggetti li kellha martu u ghaliex din is-somma mbaghad nizlet ghal erbghin lira, u minn erbghin nizlet ghal tletin fejn imbaghad finalment, nizlet ghal tmien liri u hamsin centezmu kif jirrizulta mir-ricevuta li nharget. Qalet li dan kollu kien gie registrat minn CCTV cameras li hemm installati f'dik l-area. Qalet li waqt li kien qed isehh dan kollu, barra kien hemm wkoll Gloria Galea. Qalet li lilha qatt ma rrizultalha jekk l-imputat kienx talab dawn il-flus ghalih jew ghad-dwana. Qalet li fl-istqarrija tieghu l-imputat spjiega li l-Mckays kienu dahlu minn Catania, iddikjaraw li kellhom bejn sebghin u tmenin lira f'oggetti u hu talabhom s-somma bejn hamsa w erbghin u hamsin lira bhala dazju jew VAT. Qalet li fl-istqarrija tieghu l-imputat qal li kien ipprepara ricevuta ta' hamsin lira imma fl-istess waqt, meta gie avvicinat minn Anthony Mckay u kien rega' ccekkja l-bagalji ta' Rachael Mckay, l-imputat innega li minn hamsin lira nizel ghal erbghin w imbaghad

ghal tletin lira. Hija esibit l-istqarrija tal-imputat li tinsab a fol 18 tal-atti.

Illi **nhar t-tmintax ta' Novembru 2003 xehed Ino Galea [fol 42]** fejn qal li fit-tnejn ta' Settembru 2002 kienet cemplitlu persuna li qalet li kienet Anthony McKay u tatu n-numru tal-karta tal-identita taghha u qaltlu li xtaqet taghmel rapport fuq fizzjal minn taghhom. Qal li hu kien jokkupa l-kariga ta' Head Messenger Services fid-dipartiment tad-Dwana dak iz-zmien. Qal li hu dak l-hin qal lil din il-persuna li dik ma kienetx kwistjoni tat-telefon u talabha tmur tkellmu l-ufficju tieghu. Fil-fatt, qal ix-xhud, aktar tard kienet marret ghandu persuna li ghal darb'ohra qaltlu li kien jisimha Anthony Mckay, fejn wkoll wrieh l-karta tal-identita tieghu u rrapporta li fid-disgha ta' Awissu 2002, ghall-habta tat-tmienja u nofs ta' filghaxija, waqt li kien qed jistenna lil martu gejja minn barra bil-catamaran, ra fizzjal tad-dwana pajzan, li ghalkemm ma kienx jaf ismu kien f'posizzjoni li jgharfu, hiereg bl-istess bagalja. Qal li wara ftit cemplitlu martu fuq il-mobile u qaltlu li l-fizzjal tad-dwana kien ried hamsin lira sabiex hija tkun tista tghaddi. Qal li meta hu staqsiha x'kellha, hija kienet irrispondietu li kellha mija u ghoxrin pupa zghar li jiswew mija u ghoxrin Euro u xi hamsin lira fi hwejjeg. Qal li maghha kien hemm zewg nisa ohra li wkoll kellhom b'xi hamsin lira fi hwejjeg. Ix-xhud kompla jghid li ghalhekk huwa talab lil tal-Group 4 sabiex jidhol d-dwana, sab lil fizzjal Alfred Attard, l-imputat presenti fl-awla, u beda jistaqsih b'lehen gholi ghaliex kien talab hamsin lira lil martu. Qal li l-ufficjal in charge li kien presenti dakinhar, dahal fix-xena biex jikkalma s-sitwazzjoni u fl-ahhar din is-somma ta' hamsin lira nizlet ghal tmien liri dazju. Dan ix-xhud kompla jghid li dik ma kienetx l-ewwel darba li kien jaghti flus lil imputat biex jghaddi mid-dwana u kien ihallihomlu fil-passaport. Meta gie muri d-dokument CSH [fol 39] ikkonferma li dak kien miktub minnu. Dan ix-xhud esibixxa ricevuta li gie moghti mill-imputat u ittra tad-direttur. Qal li fuq r-rapport tieghu hemm wkoll l-firma tieghu kif wkoll dik ta' Mckay biex jikkonferma dak r-rapport. Qal li huma ghandhom CCTV camera li jista jikkonferma dak li kien gara. Qal li z-zona fejn kien hemm l-imputat hija wahda li ma hiex accessibbli ghal pubbliku. Qal li mhux normali li f'dik iz-zona jghaddu

membri tal-pubbliku. Qal li mhux normali li persuna li tkun gejja minn barra ccempel lil xi hadd li jkun barra dik z-zona u jidhol. Qal li lilu ma rrizultalux li Anthony McKay inghata xi permess sabiex jidhol. Qal li ghas-sigurta, biex bniedem jidhol fejn ikunu n-nies dehlin minn barra, ma jaghtux permess u dan jinghata biss mill-Kontrollur. Qal li kienet haga stramba kif Anthony Mckay spicca hemm gew. Qal li gieli kellhom kazijiet fejn jaghtu permess lil xi hadd jidhol hemm sabiex jghaddi xi flus lil min ikun gej minn barra biex jhallas xi dazju, pero f'dak l-kaz Anthony Mckay ma dahalx hemm gew ghal din r-raguni. Qal li huwa reat li bniedem jaghti flus lil fizzjal tad-dawna. Qal li skond din l-allegazzjoni ta' Anthony Mckay, hu kien komplici fir-reat. Qal li hu ghamel rapport dwar dak li kien allega Anthony Mckay u li hu ma ghamel ebda investigazzjoni dwar dan l-kaz. Dan ix-xhud kompla jghid li l-valuation issir mill-fizzjal li jkun fuq il-post. Qal li lil Anthony Mckay ma jafux u li iltaqa mieghu darba biss u qatt ma qallu x'kien jaghmel meta jsiefer u jerga lura Malta.

Illi **nhar t-tmintax ta' Novembru 2003 xehed Anthony McKay [fol 46]** fejn qal li fid-disgha ta' xi xahar li ma ftakarx liema kien, fis-sena 2002, martu, ohtha u habiba taghhom kienu siefru gurnata Catania bil-catamaran u ghal habta tat-tmienja ta' filghaxija hu kien qed jistennihom barra t-terminal u waqt li kien barra, ra ufficjal tad-dwana li dahal fis-Sea Terminal, fejn kien hemm l-passiggieri, hiereg ma zewgt irgiel bi tlett basktijiet kbar. Qal li dawk iz-zewgt irgiel baqghu jitkellmu mal-ufficjal pajzan barra. Qal li wiehed minn dawn iz-zewgt dahal f'Peugeot 305 beige u l-iehor f'vettura Corsa bajda. Qal li l-mara tieghu cemplitlu u staqsietu jekk kellux hamsin lira fuqu ghaliex il-fizzjal tad-dwana kien wahhalha hamsin lira. Qal li qaltlu li anzi sebghin lira ried jzommilha. Qal li l-mara tieghu qaltlu li dik il-persuna kienet tafu lilu u hu kellimha fuq il-mobile u staqsa lil ufficjal ghal x'hiex kien talabha hamsin lira u dan l-ufficjal qal li qallu biex ma jikkonfondi xejn. Dan ix-xhud ikkonferma li dan l-ufficjal kien l-imputat odjern. Ix-xhud kompla jghid li hu talab permess lil tal-Group 4 biex jidhol jaghti l-flus lil mara tieghu u dawn qalulu li setgha jidhol u hekk ghamel. Qal li

meta dahal hdejn martu, ra lil imputat fil-kumpanija ta' persuna ohra u meta staqsieh ta' x'hiex kien talabha hamsin lira, l-imputat beda jinzel fis-somma sakemm wasal ghal ghoxrin lira u wara spicca biex qallu biex ma jhallas xejn u jitlaq 'l barra. Qal li hu baqa jinsisti mal-fizzjal li kellu jhallas u beda jghajjat u qallu "dawn l-ghoxrin lira tal-valiggi li hargu n-nies l-ohrajn'. Qal li l-mara kellha xi souvenirs, xi mija u hamsin pupa u xi hwejjeg tal-ilbies. Huwa esibixxa ricevuta li turi l-flus li effettivament hallas in konnessjoni ma dan il-pagament [fol 49].

Illi **nhar s-sitta w ghoxrin ta' Jannar 2004 xehed Hector Piccinino [fol 53]** fejn qal li huwa kien gie mitlub jattendi d-Depot in konnessjoni ma nvestigazzjoni dwar incident li kien gara nhar d-disgha ta' Awissu 2002 waqt li kien xoghol bhala spettur tad-dwana fil-luggage room ghal habta tat-tmienja w nofs ta' filghaxija meta kien dahal catamaran minn Sqallija. Qal li dakinhar tal-incident huwa nizel u mieghu kien hemm l-imputat, li gharaf presenti fl-awla, flimkien ma tnejn jew tlieta ohra. Qal li f'hin minnhom kienu qed jiccekkjaw l-passiggieri meta ra li dahlu tlett tfajliet u marru fuq l-imputat. Qal li dak l-hin hu ma kienx ma gembhom. Dan x-xhud qal li kien jaf li ddikjaraw li kellhom xi mitejn oggett fost toys, souvenirs u hwejjeg u l-imputat ikkalkola li kellhom xi hamsin lira dazju u VAT. Qal li wahda minnhom qalet lil fizzjal 'hamsin lira ta' erbgha cucati ! u bdiet tipprotesta. Qal li kien hemm ohra li qabdet l-mobile taghha u cemplet lil xi hadd u wara ftit dahal ragel hdejhom. Qal li hu gharaf lil Anthony Mckay bhala dik il-persuna li dahlet hdejn dawn t-tfajliet u li kien r-ragel ta' wahda minnhom, u dan beda jidghi u jhedded peress li, fil-fehma tieghu, l-fizzjal kien ser jzommilhom aktar flus milli suppost. Qal li hu dak l-hin beda jikkalma s-sitwazzjoni u kellem lil imputat biex jergghu jikkwotaw l-istess oggetti peress li Anthony McKay baqa jinsisti fuq hekk. Ghalhekk, kompla jghid dan ix-xhud, ghamlu ezami tal-oggetti u zamm l-istess valur peress li l-oggetti ma kienux ta' natura kummercjali u lit-tfajliet tawhom koncessjoni ta' hamsin lira kull wiehed u zamm id-dazju fuq il-mitt lira li kien fadal li kienu jappartjenu lil Mrs. Mckay. Meta gie muri d-dokument AM, li hija ricevuta mahruga mid-dipartment tad-dwana li turi li

d-dazju dovut fuq mitt lira kien sebgha liri w nofs, dan ix-xhud qal li fuq dan d-dokument ma kienx hemm l-firma tieghu. Mistoqsi jekk qattx ra dak d-dokument qabel, dan ix-xhud qal li jista jkun li rah meta baghtu ghalih l-Pulizija. Qal li jista jkun li kien hdejn l-imputat meta nharget dik r-ricevuta. Qal li din inharget peress li Mrs. Mckay kellha ftit izjed minn mitt toy kif wkoll hwejjeg. Qal li hu la ghadd t-toys u lanqas zamm record ta' kemm kien hemm oggetti godda. Qal li jista jkun li l-imputat haseb li l-oggetti kienu kummercjali u ghalhekk dazju u VAT fuq mitt pupa kummercjali u hwejjeg jammonta ghal hamsin lira. Qal li z-zona fejn kienu huma ma kienetx accessibbli ghal pubbliku u ra haga stramba kif Anthony Mckay dahal hemmhekk. Qal li kien minnu li Anthony McKay kien kiser l-ordnijiet tad-dwana u tas-security. Qal li hu ma kienx ghamel rapport dwar il-fatt li din il-persuna kienet dahlet hemmhekk. Qal li din il-persuna ma kienetx akkumpanjata minn xi membru tas-sigurta meta dan mar hdejhom. Qal li Anthony Mckay mar biex jipprotesta u mhux sabiex jhallas il-hamsin lira. Qal li xogholu hu li jghin lil fizzjali u jaghtihom second opinion u fejn ma jasalx fizzjal, jasal hu. Qal li hu rreveda d-decizjoni tal-imputat, peress li qaghad fuq il-kelma ta' Rachael Mckay li l-oggetti ma kienux ghal skop kummercjali izda kienu ghal party tat-tfal.

Illi **nhar t-tmintax ta' Frar 2004 reggha xehed Anthony McKay [fol 57]** fejn qal li hu r-rapport ghamlu xi xahar wara li fegg l-ewwel kaz. Qal li m'ghamilx r-rapport dakinhar ghaliex huwa kien lest li jahfirlu s-somma li kien talbu. Qal li mill-bqija l-ewwel kaz kien kaz maghluq u li t-tieni kaz deherlu li kellu jirrappurtah peress li meta hu kien gej mill-Bulgarija wara holiday, u fuqu kellu hwejjeg tieghu biss, malli l-imputat rah, qallu biex jibqa ghaddej mid-dwana. Qal li dakinhar kellu mieghu lil John Caruana li jahdem bhal bejjiegh fuq il-Monti. Qal li hu jsiefer cirka darba fix-xahar u jgib ix-xoghol mieghu. Cahad li hu jitla l-Bulgarija biex inizzel xoghol mieghu ghaliex meta jixtri mill-Bulgarija hu jibghatu bil-postage u qatt ma jnizzlu mieghu. Qal li hu jmur il-Bulgarija jordna x-xoghol u wara jaghmel holiday. Qal li dakinhar hekk ghamel. Qal li tela' diversi drabi ohra l-Bulgarija bhala holiday u dakinhar kien

baghat xi xoghol bil-cargo tal-Air Malta. Qal li meta jitla l-Bulgarija hu jitla ma tlieta minn nies ohra u jixtru xi xoghol bejniethom u dak ix-xoghol jinzel Malta fuq isem Mario Caruana, John Caruana u Mario Magri u li fuq ismu qatt ma nizzel xoghol. Qal li barra minn Malta hu jhallas bil-Euros ghax-xoghol ghalkemm ma ftakarx kemm nefaq flus dakinhar. Qal li mill-Bulgarija hu jixtri hwejjeg u li kien ilu jmur xi sena w nofs. Cahad li hu dakinhar mieghu mill-Bulgarija hu nizzel xi xoghol mieghu u li nizzel biss xi souvenirs, xi dinji, xi hamsin bejn wiehed w iehor. Qal li kull meta jsiefer u jiltaqa ma xi haga li tiswa ghalih, jixtirha. Qal li mhux minnu li dawk is-souvenirs kien gabhom mill-Bulgarija biex jbieghhom, u lanqas ma kellu zewg kaxxi mimlija hwejjeg dakinhar. Ix-xhud ma ftakarx, kif gie suggerit lilu, li dakinhar huwa hareg b'zewg pakketti, ghaddihom lil martu u reggha dahal. Ikkonferma li hu kien ghamel rapport mal-imputat wara dakinhar li gie lura Malta u tkellem ma xi persuna biex jghidilha li kellu xi problema mal-imputat u din il-persuna kienet baghtitu ghand Ivo Galea u fil-fatt kien mar xi tlett darbiet biex jkellmu u wara xi zmien ghamel rapport ma dan Ivo Galea dwar l-incident tas-Sea Terminal.

**Nhar t-tletin ta' Marzu 2004 ix-xhud Anthony Mckay rega' xehed [fol 61]** u esibixxa passaport u zewg kampjuni tal-oggetti li kien gab mill-Bulgarija. Qal li l-ahhar darba li kien xehed l-Qorti ma qalx l-verita ghaliex kien tfixkel. Ikkonferma li gieli gab xi xoghol f'ismu u li dakinhar kien siefer l-Bulgarija flimkien ma martu u bintu. Qal li dakinhar kien gab xi hamsin oggett pero ma ftakarx jekk kienx iddikjarhom jew le d-dwana. Qal li l-jum ta' qabel kien gie mill-Bulgarija minn holiday u ma kien gab xejn mieghu hlief affarijiet personali u ghalhekk ma kien iddikjara xejn. Ipprometta li jgib mieghu dikjarazzjoni ta' kemm l-darba siefer fuq xoghol matul is-sena 2003 u kemm il-darba ddikjara dak ix-xoghol d-dwana per konsegwenza ta' dak s-safar.

Illi **nhar t-tlieta w ghoxrin ta' Gunju 2004 xehdet Rachael McKay [fol 91]** fejn qalet li hija tigi l-mara ta' Anthony McKay. Qalet li nhar d-disgha ta' Awissu 2002, huma, u cioe oht r-ragel Caroline McKay u Gloria Galea,

kienu gejjin lura Malta bil-catamaran u kellhom diversi bagalji fuq ta' haddiehor. Qalet li xi hadd imlahhaq waqqa l-bagalji taghhom mal-art u n-nies ghaddew qabilhom u huma baqghu fil-queue. Din ix-xhud qalet li appena waslu hdejn tad-dwana u kienu hergin, gie fizzjal tad-dwana fuqhom u waqqafhom biex jistaqsihom x'kellhom u huma rrispondewh li kellhom zewg bagalji, wahda zghira u ohra ftit akbar minnha, u dan ried jwahhalhom sebghin lira. Qalet li dakinhar huma ma kellhomx flus fuqhom hlief ghoxrin lira bejniethom u ghalhekk harget barra biex titlob lir-ragel taghha jaghtiha hamsin lira. Qalet li hija kienet gewwa u cemplilha r-ragel taghha u staqsiha x'kellhom b'sebghin lira u staqsiha x'kellhom xoghol ta' merkanzija. Qalet li hija rrispondietu li ma kellhomx merkanzija u hu dahal gewwa hdejhom minn barra u staqsa lil fizzjal ta' x'hiex kien talabhom sebghin lira meta haddiehor li kienu jafuhom qabdu u hargu 'l barra ghalkemm kellhom basktijiet kbar. Qalet li mbaghad il-fizzjal minn sebghin nizel ghal hamsin u minn hamsin ghal tletin w imbaghad ghal ghoxrin lira. Qalet li r-ragel taghha qal lil fizzjal li hu ma kienx lest li jhallashom. Qalet li apparti xi ftit hwejjeg zghar, kien hemm ftit souvenirs tat-tifel u li ma kienx hemm oggetti li jiswew sebghin lira f'dazju. Qalet li mbaghad il-fizzjal talabhom sebgha liri u hamsin centezmu, huma tawh ghoxrin lira u lanqas bqija ma kien tahom, tahom biss ricevuta u telqu 'l hemm. Ikkonfermat li l-fizzjal in kwisjtoni kien l-imputat li gharfet presenti fl-awla. Qalet wkoll r-ricevuta dokument AM [fol 49] hija simili ghal dik li giet moghtija. Qalet li minn Catania xtrat biss xi souvenirs ghal xi party tat-tifel, xi hamsin jew sittin pupa zghar, jiccaqalqu. Mistoqsija jekk kelliex xi ricevuta ta' dawk il-pupi, ma ftakritx. Qalet li l-fizzjal ma kienx talabha ricevuta tal-pupi. Ikkonfermat li x-xoghol taghhom huwa l-bejgh ta' hwejjeg fuq il-Monti. Qalet li kellha wkoll xi tlett ilbiesi ghaliha, xi haga zghira tat-tifel u ghar-ragel u li fil-bagalja z-zghira kien hemm l-hwejjeg ta' tlett minn nies. Qalet li ricevuta tal-Monti qatt ma jaghtuha. Qalet li dakinhar li kienet fil-queue, jekk ftakret sew, kien hemm lane wahda, kulhadd wara xulxin. Ikkonfermat li hi dakinhar ma ddikjarat xejn dwar dak li kienet dahhlet maghha minn barra. Qalet li kien l-imputat li kien mar fuqha u talabha sebghin lira mill-ewwel. <u>Qalet li mhux</u>

minnu dak li gie suggerit lilha mid-difiza, li l-imputat kien staqsiha kellhomx xi haga x'jiddikjaraw, qalet ghal darb'ohra li l-imputat mill-ewwel talabhom sebghin lira minghajr ma staqsihom b'kemm kienu nefqu meta setgha staqsihom x'kellhom. Qalet li l-imputat lanqas biss fethilhom xi bagalja meta talabhom l-flus. Cahdet li huma qalu lil imputat li kellhom sebghin lira fi hwejjeg kull wiehed. Cahdet wkoll li l-imputat l-ewwel talabhom hamsin lira u li hi taghtu hamsin lira ghaliex kellhom ghoxrin lira bejniethom. Qalet li lil fizzjal, hija kienet qaltlu li kienet sejra hdejn r-ragel u hu ma qalilha xejn u ghalhekk marret u hadd ma kien waqqafha milli tohrog, lanqas s-security. Qalet li r-ragel ma dahalx maghha, taha hamsin lira f'idejha u regghet dahlet gewwa. Qalet li mill-ewwel cemplilha r-ragel biex jistaqsiha ta' x'hiex kienu dawk l-hamsin lira u wara kien rega' cemplilha biex jistaqsiha x'kienu xtraw biex kienu ser jehlu hamsin lira dazju. Qalet li hi lir-ragel kienet qaltlu li ma kienetx xtrat xoghol u ghalhekk r-ragel dahal biex jistaqsi lil fizzjal ghaliex kien ser jitlobhom sebghin lira f'dazju. Qalet li kemm r-ragel taghha kif wkoll l-fizzjal kienu bdew jirrabbjaw u ghalhekk kien dahal fizzjal iehor hdejhom. Qalet li l-fizzjal fl-ebda hin ma talabha xi ricevuta u hi qatt ma wrietu xi ricevuta. Ix-xhud ma ftakritx jekk fethitx il-bagalja jew le. Qalet li maghha tul dan il-perjodu kollu kien hemm Gloria u oht r-ragel taghha.

Illi **nhar t-tlieta w ghoxrin ta' Gunju 2004 xehdet Caroline McKay [fol 95]** fejn ikkonfermat dak li qalet ix-xhud Rachael McKay u ziedet tghid li Anthony McKay, meta dahal hdejn martu anke kien lest li jekk suppost jhallsu sebghin lira, kien lest li jhallashom. Qalet li hija kull ma kellha kien xi haga zghira ghat-tfal ta' hutha u xi haga ghaliha, xi tnax il-bicca b'kollox. Qalet li hi souvenirs ma kellhiex, oht r-ragel taghha Rachael kellha, xi hamsin jew sittin pupa zghira li kienet xtrat minghand c-Cinizi minn fuq il-Monti ta' Catania. Qalet li fizzjal wiehed biss kien hemm li fethilhom il-bagalji u cioe l-imputat. Qalet li l-imputat fethilhom l-bagalji u talabhom sebghin lira f'dazju biex ikunu jistghu jghaddu. Qalet li sebghin lira ma tellghux maghhom Catania. Qalet li meta dahal Anthony McKay staqsa lil fizzjal ghaliex kienu ser jehlu sebghin lira f'dazju,

meta kien ghadu kif ra diversi nies hergin b'hafna izjed affarijiet. Qalet li l-istess Anthony McKay kien anke talab lil fizzjal biex jara l-video u li jekk kien haqqhom jhallsu, hu kien lest li jhallas ghad-dwana.

Illi **nhar t-tlieta w ghoxrin ta' Gunju 2004 xehdet Gloria Galea [fol 98]** fejn qalet li dakinhar tal-incident hija kienet siefret flimkien ma Rachael McKay u Caroline McKay ghal gurnata fi Sqallija. Qalet li meta gew lura bil-catamaran, hadd ma kien waqqafha lilha u baqghet hierga qabilhom. Ikkonfermat li huma kellhom zewg bagalji u li l-fizzjal kien iccekkjahom l-bagalji. Din ix-xhud ma setghetx tikkkonferma jekk kienx l-imputat bhala l-fizzjal li kien waqqafhom dakinhar tal-incident. Ikkonfermat li ta' McKay xtraw xi hwejjeg ghalihom. Mistoqsija tghid x'souvenirs xtrat Rachael McKay, din ix-xhud ma kienetx f'posizzjoni tghid u fil-fatt ma kienetx zgura jekk kienux inxtraw fil-presenza taghha. Ix-xhud ma kienetx f'posizzjoni tghid kemm talabhom flus l-fizzjal ghaliex ma semghetux peress li kienet ftit boghod minnu. Mistoqsija jekk ratx lil xi hadd minn dawk li kienu maghha, johrog barra wara li l-fizzjal kien talabhom l-flus, ma ftakritx. Lanqas ma ftakret jekk Rachael talbithiex xi flus, jew min minnhom hareg barra, jew jekk dahalx xi hadd maghhom, jew li dahal Anthony McKay u ghamel xi storbju.

Illi **nhar t-tlieta ta' Gunju 2004 din il-Qorti kif preseduta kienet innominat lin-Nutar Stephen Farrugia Sacco** sabiex jar l-videos esibiti seduta stante u johrog DVD ta' dak kollu li gara nhar d-disgha ta' Awissu 2002 mis-sebgha w nofs sa nofs il-lejl u dan fis-sala tad-dwana.

Illi **nhar l-erbgha ta' Ottubru 2004 xehed in-Nutar Stephen Farrugia Sacco [fol 106]** fejn esibixxa u halef r-relazzjoni tieghu li giet mmarkata bhala dokument SFS kif wkoll numru ta' CD's li gew mmarkati bhala dokument SFS 1 [fol 108]. Minn ezami ta' dawn s-CD's jidher xena bejn in-nies involuti fit-terminal tal-catamaran u cioe t-tlett tfajliet, Anthony McKay jargumenta mal-imputat u fizzjal iehor Hector Piccinino ma gembhom. Is-sitwazzjoni ma kienetx wahda felici u jidher l kien hemm wkoll xi

aggressjoni minn naha ta' Anthony McKay lejn l-Ufficjali tad-Dwana.

Illi **nhar s-sitta ta' Dicembru 2004 sar konfront bejn Rachael McKay u Hector Piccinino [fol 120] fejn Hector Piccinino qal** li Rachael McKay kienet qalet fix-xhieda precedenti taghha [fol 91] li hija kienet qalet li l-imputat kien wahdu jaghmel l-funzjoni tieghu ta' ufficjal tad-dwana u li hija ma kienetx presenti. Hija kienet qalet li fil-hin li Caroline McKay dahlet fis-sala fejn isiru l-ezamijiet tal-bagalji hija kienet fil-presenza ta' zewg tfajliet ohra u hija kienet quddiem l-imputat u kienet quddiem il-counter fejn kien hu u li meta beda jaghmel l-ispezzjoni tal-bagalji, hija dahlet hdejh u damet hdejh ghal hin konsiderevoli. **Rachael McKay qalet** li dak li kien ghadu kif qal ix-xhud Hector Piccinino ma kienx minnu u li l-imputat kien mar fuqhom wahdu u li Hector Piccinino kien aktar 'l boghod xi tlett piedi. Qalet li dan mar hdejhom meta nqala l-incident u li dak l-hin kien mar r-ragel taghha hdejhom. Qalet li Hector Piccinino dak l-hin ma kienx jaf x'kien ghaddej ghaliex l-imputat kien qed joskuralu l-vizjoni normali u kien daru lejn Hector Piccinino. **Rachael McKay qalet** wkoll li ma kienetx taf d-dettalji jekk Hector Piccinino kienx ma gemb l-imputat meta l-imputat fethilhom il-bagalji taghhom. **Hector Piccinino kkonferma bil-gurament tieghu** li hu ma kienx ma gemb l-imputat meta hareg l-ewwel stima. **Hector Piccinino kompla jghid** li l-oggetti li kellha Rachael McKay kien rahom u kellha tlett bagalji mimlija oggetti hwejjeg personali u xi mitt pupa zghar. Ix-xhud Hector Piccinino kompla jghid li hu kien f'counter parallel ma l-imputat u ghalhekk setgha jara x'kien qed jaghmel l-imputat waqt l-esekuzzjoni ta' dmirijietu. Qal li hu semgha lil Rachael McKay tipprotesta mal-imputat u ghalhekk mar hdejh peress li hu s-supervisor tieghu, biex jara x'kienet l-kwistjoni. <u>Qal li semgha lil Rachael McKay tghid li l-imputat kien lest li jwahhalha hamsin lira fuqu cucati</u>. Ix-xhud kompla jghid li hu ma kien ra xejn straordinarju li l-imputat jitlobha hamsin lira bhala dazju ghal dawk l-oggetti li kellha. Qal li fuq souvenirs u pupi hemm 8.1 % li jinghadd mal-valur originali u li probabbli kienet tinhadem wkoll r-rata ta' 15% VAT. Qal li l-imputat lilu kien spjiegalu

kif kien wasal ghal il-figura.  Qal li kien minnu li l-imputat kien qallu li kien hadem bhala valur tal-oggetti ta' pupi souvenirs ta' mija u sebghin lira maltin u valur ta' hwejjeg kien ta' hamsa w sebghin lira maltin.  Qal li l-8.1 % kienet tinhadem fuq affarijiet kummercjali jigifieri fuq s-somma ta' mija u sebghin lira u jigi mizjud 15% fuq il-valur tal-VAT. Qal li l-per cent kien jinhadem fuq mija u sebghin lira u tigi mghaduda s-somma ta' tlettax il-lira maltin u cioe 8.1 % fuq l-mija u sebghin lira u dan ghaliex il-VAT jinhadem fuq il-valur u fuq id-dazju.  Qal li ghalhekk flimkien jizdied s-somma ta' sebgha w ghoxrin lira maltin bhala VAT.  Qal li f'dak l-kaz jigi tlettax il-lira li huwa dazju u sebgha w ghoxrin lira bhala VAT fuq dazju u li b'kollox jigi erbghin lira.  Qal li fuq hwejjeg hemm flat rat ta' 15%.  Qal li f'dan il-kaz kien ghaxar liri u hamsin centezmu u ghalhekk jitla ghal hamsin lira u hamsin centezmu.  Qal li kien hemm koncessjoni ta' sebgha liri u hamsin centezmu li tigi ridotta mis-somma totali.  Qal li dak iz-zmien il-passiggier kellu koncessjoni ta' hamsin lira duty free u li f'dak il-kaz kien ta' erbgha w erbghin lira u hamsin centezmu u li ghalhekk l-ammont kien ta' erbgha w erbghin lira maltin.  Ix-xhud qal li hu ma ra xejn stramb ta' kif wasal ghal ammont l-imputat sakemm l-affarijiet ikunu kummercjali u li f'dak il-kaz kien hemm ammont kbir u dehru prima facie li huma kummercjali minhabba l-ammont.  Qal li dak l-hin kien hemm kommozzjoni kbira u Anthony McKay kien beda jheddidhom li kien ser itajjarhom u li ghalhekk hu pprova jigi f'kompromess mieghu.  Qal li Rachael McKay baqghet tinsisti li l-affarijiet li kellha kienu souvernirs peress li kellha party tat-tfal u li ma kienux ghal bejgh.  Qal li hu qaghad fuq il-kelma taghha u ghamel revizjoni tal-ammont.  Qal li x-xoghol kien wiehed imhallat peress li kienu tlieta min nies u li ma setghux jistabilixxu liema hwejjeg kienu ta' min u fil-fatt hadu valur ta' totali ta' mitejn lira tat-tlett passiggieri fuq insistenza ta' Rachael McKay. Qal li z-zewg passiggieri l-ohra qalulhom li ma kellhom xejn u ghalhekk iddecidew li minn dawk il-mitejn lira jaghtu koncessjoni ta' hamsin lira lil passiggieri l-ohra u dan ghaliex fuq il-kelma tal-passiggier u peress li fehmu li tnejn minnhom kellhom oggetti li l-valur totali kien ta' inqas minn hamsin lira maltin u ghalhekk waslu ghal konkluzzjoni li kellhom japplikaw s-somma ta' 15% dazju

fuq il-mitt lira, imbaghad titnaqqas koncessjoni ohra ta' sebgha liri u hamsin centemzu ohra mill-hmistax il-lira. Qal li dak l-hin hu kien qed jagixxi taht pressjoni. Qal li fil-fehma tieghu l-imputat kien qed jaghmel xogholu u li ma kien hemm xejn li ma kienx korrett. Qal li peress li Rachael McKay baqghet tinsisti li dawk l-oggetti ma kienux ghal bejgh, huma ghamlu revizjoni. Qal li ma kienx jaf li Anthony McKay kien ibiegh fuq il-Monti u lanqas ma kien jaf x'kien xogholu. Qal li Anthony McKay ma kienx passiggier u li dan kien dahal minn barra minghajr ma kellu dritt jidhol u minghajr l-permess tieghu wkoll. Ix-xhud gharaf fil-Qorti lil Rachael McKay bhala l-persuna li dakinhar kellha l-pupi u li kieku kien raha barra, ma kienx jgharafha. Qal li ntervjena mhux ghaliex ghajjatlu l-imputat, imma ghaliex kien presenti waqt l-incident u hass l-htiega li jaghmel hekk u meta hu ntervjena, Rachael McKay u l-imputat kienu qed jitkellmu bejniethom. Qal li ma setghax jghid x'kienet il-konversazzjoni qabel ma ntervjena, ghalkemm kien semgha xi kliem. Qal li hu ntervjena meta semgha lil Rachael McKay tghid il-kliem "ser twahhalni hamsin lira faq dawn ic-cucati !" u dan sar b'vuci gholja.

Illi **nhar s-sitta ta' Dicembru 2004 xehed l-imputat [fol 125]** fejn qal li hu ilu jahdem bhala fizzjal d-Dwana ghal dawn l-ahhar sitta w tletin sena. Qal li fid-disgha t'Awissu 2002, hu kien xoghol flimkien ma zewg fizzjali ohra Lorraine Facciol u Joseph P. Mifsud u l-Ispettur Hector Piccinino. Qal li ghall-habta tat-tmienja w nofs ta' filghaxija kien qieghed s-Seaport jistenna l-catamaran diehel mill-Sqallija u fuqu kien hemm cirka tlett mitt passiggier fosthom tlett nisa. Qal li dakinhar kien hemm tlett counters u li dawn t-tlett nisa marru fuqu, ghalkemm, qal ix-xhud, ma tantx ha pjacir bihom peress li kien jafhom. Qal li staqsihom x'kellhom jiddikjaraw u huma rrispondew li kellhom bejn sebghin u mitt lira kull wahda. Qal li hu mar fuq l-akbar rata u cioe ta' tmenin lira kull wahda, staqsihhom jekk l-affarijiet kienux ta' wahda u wahda minn dawn in-nisa qaltlu li ma kienux u li kienu ta' kulhadd u li l-bagalji taghhom kienu mhallta b'souvenirs, toys u hwejjeg. Qal li kien hemm tlett bagalji, wahda kbira u tnejn ftit izghar. Qal li hu, flimkien ma Hector Piccinino

fethu l-bagalji u raw li kienu veru oggetti ta' hwejjeg, toys u souvenirs u peress li hu kien jaf li Rachael McKay kienet tahdem fuq il-Monti, haseb li kellha dawk is-souvenirs ghal bejgh fuq il-Monti. Qal li lil Rachael McKay qalilha li kellha dazju ta' hamsa w erbghin u hamsin lira u hija harget il-flus. Qal li huma hadmu din l-figura peress li kien hemm mija u sebghin lira li jirrappresentaw t-toys u 8.1% fuqhom jammonta ghal tlettax il-lira u sittin centemzu. Qal li wasal ghas-somma ta' mija u sebghin lira bhala valur kummercjali u sebghin lira valur ta' hwejjeg personali u dan ghaliex lilu qalulu li kienu nefqu mitejn u erbghin lira maltin. Ghalhekk, kompla jghid dan ix-xhud, 8.1% huwa dazju, ghamel 15% fuq mija u sebghin lira, ghadd tlettax il-lira u sittin centezmu, li ammonta ghal sebgha w ghoxrin lira u erbgha w hamsin centezmu. Qal li hadmu b'mod appartat is-somma ta' sebghin lira fi hwejjeg u 15% fuqhom, li jigi xi haga 'l fuq minn ghaxar liri. Qal li tahom l-koncessjoni ta' sebgha liri u hamsin centezmu u ghalhekk zammilhom tlett liri biss. Ghalhekk, qal ix-xhud, kollox gie erbgha w erbghin lira u hmistax il-centemzu, u "to the closest pound, hamsa w erbghin lira" u ghalhekk talabhom hamsa w erbghin lira bejn t-tlieta li kienu. Qal li qabel ma Rachael McKay bdiet tgorr, Hector Piccinino kien hdejh ma gembu l-hin kollu, ma gemb il-counter tieghu. Qal li Rachael McKay accettat, marret u gabet il-flus. Qal li meta Rachael McKay giet lura, qaltlu li r-ragel taghha kien rahom gholjin u kif kienet ser thallsu u hu kien diga hareg ricevuta, dahal Anthony McKay jghajjat u hu qalilhom biex jhallu x-xoghol kollu hemm, jissiggillawh, u jerghu imorru t-Tnejn ghalih. Qal li Anthony McKay allega li kienu hargu xi nies u ma hallsux u beda jghajjat. Qal li hu ra li kien hemm nies ohra u beda jaqdi lilhom. Qal li dak l-hin mar Hector Piccinino fuqu u beda jkellmu u qallu li x-xoghol kien bejniethom ilkoll u li peress li Hector Piccinino kien l-Ispettur ta' fuqu, wara d-decizjoni tieghu kien ikun ben fatt. Qal li kieku l-Ispettur qallu biex jissiggilla kollox u jdahhal kollox gewwa, hekk kien jaghmel. Qal li mbaghad spicca biex Anthony McKay tefa' ghaxar liri, hu qallu biex jiehu zewg liri bqija, hadhom u dan Anthony McKay halla r-ricevuta hemmhekk. Ix-xhud kompla jghid li hu hareg wara Anthony McKay u tah r-rivevuta u li kollox spicca hemmhekk. Qal li nhar t-tnejn

ta' Settembru hu kien qieghed l-Ajruport u kien mar quddiemu Anthony McKay, li kien gej mill-Bulgarija u qalli li xtaq jghaddi b'xejn. Ix-xhud kompla jghid li dak l-hin hdejh kien hemm l-Ispettur u qallu lil Anthony McKay "ma tghaddi b'xejn zgur li le" u dahhlu gewwa. Dan Anthony McKay kellu kaxxa, zewg hand luggages u zewg bagalji kbar. Qal li dan sar kollu fil-presenza ta' Joseph Farrugia, l-Ispettur tal-Ajruport. Qal li Anthony McKay kien qallu li kellu b'erbgha mija w erbgha mija u hamsin u ix-xhud qallu "trid tghaddi b'xejn allura !" u Anthony McKay dak l-hin beda jghidlu li kien ser jirrappurtah ghaliex l-ahhar darba ma kien hallas hadd hliefu. Qal li hu lil Anthony McKay kien qallu biex jaghmel l-affarijiet tieghu u li hu [l-imputat] kien qed jaghmel xogholu. Qal li Anthony McKay kien hallas dsatax il-lira dakinhar. L-imputat qal li dakinhar hu kien ghamel rapport lid-Dwana flimkien ma Joseph Farrugia l-Ispettur tal-Ajruport, fuq dak li kien gara u cioe li Anthony McKay ma kienx dahhal l-bagalji kollha sabiex jiccekkjawhom u cioe li dahhal zewg basktijiet u hand luggage. Ix-xhud qal li wara dan l-incident Anthony McKay kien ghamillu rapport dwar dak li kien sehh fix-xahar ta' Awissu. Mistoqsi dakinhar tad-disgha ta' Awissu 2002 min kien hemm ma Rachael McKay, l-imputat wiegeb li kien hemm Caroline McKay u mara ohra li pero ma ndahlet xejn fl-affarijiet. Qal li hu kien qed jiccekkja t-tlett basktijiet. <u>Cahad li hu talab lil Rachael McKay l-ammont ta' sebghin lira jew ta' hamsin lira maltin</u>. Qal li hu mill-ewwel qalilha lil Rachael McKay "bejn erbghin u hamsin lira" u dan bhala dazju u VAT. Meta gie mur d-dokument a fol 49, li hija ricevuta li huma ghamlu lil Rachael McKay ta' mitt lira bil-koncessjoni li nghatatilha, ix-xhud qal li l-hin u l-gurnata fuq din r-ricevuta ma kienux gew miktuba minnu. Ikkonferma l-stqarrija li hu kien irrilaxxja lil Pulizija u li ma kienx ffirmaha. Mistoqsi jghid kemm kien n-numru ta' pupi li dawn in-nisa kellhom fil-bagalja, ix-xhud wiegeb li ma kienx jaf ghaliex ma kienx ghaddhom, pero kien zgur li kien hemm 'l fuq minn mija. Qal li dawn kienu pupi zghar go kaxxi.

Illi **nhar s-sitta ta' Dicembru 2004 xehed Joseph Farrugia [fol 129]** fejn qal li nhar t-tletin ta' Settembru 2002 huwa kien Spettur l-Ajruport u li kien hemm mieghu

l-imputat li gharaf presenti fl-awla, bhala l-fizzjal tad-dwana. Qal li Anthony McKay dakinhar kien wasal mill-Bulgarija fuq flight u dan jghaddi mill-green channel 'to declare'. Qal li l-fizzjal staqsih ghalfejn kien ser jghaddi mir-red channel, u dan irrispondih li kellu affarijiet kummercjali. Ix-xhud kompla jghid li hu kien presenti u ghalhekk iddecidew mill-ewwel sabiex imorru fl-examination room u cioe li ma setghux jigu released u ghalhekk Anthony McKay m'ghaddiex minn gor-red channel u ghaddewh ghal gol-examination room. Dakinhar Anthony McKay kellu zewg bagalji u kaxxa. Qal li hu ma jidholx fl-examination room u ghalhekk x'kellu jew ma kellux Anthony McKay dakinhar ma setghax jghid, pero kien zgur li kien Anthony McKay ma kienx dahhal l-valiggi kollha li kien gab mieghu u li ccekkjaw mal-ufficjal u sar jaf li zewg bagalji biss kienu gew mdahhla u kien ghalhekk li dahlluh fl-examination room ghaliex l-oggetti ta' valur kummercjali ghandhom jigu ezaminati b'mod separat. Ix-xhud qal li kienet haga rregolari li kaxxa li kellu mieghu ma kienetx giet ezaminata wkoll.

Ikkunsidrat:

Illi l-imputat huwa primarjament akkuzat bir-reat dispost fl-artikolu 112 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta u cioe "Ufficjal Pubbliku li jesigi flus kontra l-ligi" li jiddisponi s-segwenti:
*"Kull ufficjal jew impjegat f'amminstrazzjoni pubblika u/jew kull impjegat tal-Gvern jew mal-Gvern, jew jekk ikollu, kemm jekk ma jkollux, jedd li jesigi flus jew hwejjeg ohra bhala salarju tad-dmirijiet tieghu, jew akkont tal-Gvern jew ta' stabbiliment pubbliku, illi taht l-libsa tal-kariga tieghu, jesigi dak li l-ligi ma tippermettix, jew izjed minn dak li tippermetti l-ligi, jew qabel iz-zmien li jmiss skond l-ligi…"*

Dan hu reat komunement maghruf bl-ingliz bhala dak ta' 'unlawful exaction'.

Il-**Professur Mamo** fin-***Noti*** tieghu taht t-titolu imsejjah '***Of the Abuse of Public Authority***' jelenka l-element ta' dan r-reat u cioe:

*"1. The public character of the offender;*

*2. The unlawful exaction; u*
*3. The colour of office."*

Illi ghalhekk huwa importanti li jigi ppruvat li l-malvivent huwa ufficjal jew impjegat t'amministrazzjoni pubblika jew persuna impjegata mal-Gvern jew mill-Gvern. Il-ktieb tal-ligi huwa wiesgha hafna u ghalhekk jinkludi kull persuna li huwa direttament jew indirettament fis-servizz pubbliku. B'hekk kwalunkwe persuna li m'ghandhix dan l-impjieg, ma tistax tinstab hatja ta' dan r-reat anke jekk talab xi flejjes jew oggetti ta' valur zejda waqt il-qadi ta' dmirijietu anke jekk ittanta jghamilha ta' ufficjal pubbliku. Ghalhekk il-kariga ta' ufficjal pubbliku hija element inerenti ta' dan r-reat u mhux cirkostanza aggravanti bir-reat.

Mill-banda l-ohra, jekk il-persuna li qed titlob l-flus jew hag' ohra li mhix dik skond l-ligi, tinsab f'dan is-servizz pubbliku kif fuq deskritt huwa immaterjali jekk ghandu jew m'ghandux skond l-impjieg tieghu, d-dritt li jircievi flus jew effetti ta' remunerazzjoni ghas-servizzi tieghu jew akkont tal-Gvern jew stabbiliment pubbliku iehor. Din d-disposizzjoni ghandha tigi nterpretata b'mod generali ghaliex r-reat huwa wiehed li jista jigi kommess minn kwalsiasi tip t'ufficjal, kemm jekk jithallas b'mod regolari b'salarju, b'imqieta jew anke jekk jaghti servizz gratuwitu.
**It-tieni element** huwa li jintalab flus jew haga li mhux dovut legalment 'unlawful exaction'. Dak li jitlob il-malvivent ghandu jkun dak li mhux intitolat ghalih jew huwa <u>in eccess ghal dak li huwa intitolat ghalih</u>, jew li huwa mitlub qabel ma huwa dovut. Il-pubbliku ghandu jkun protett minn tali forma ta' dan r-reat tant ikrah. Ir-reat huwa komplet [u ma jissejjahx attentat anke skond l-awturi famusi] meta hemm t-talba illecita bl-ingliz 'exaction', anke jekk il-vittma ma tkunx halset jew accettat li thallas dak li kien mitlub ihallas illegalment.

Skond il-**Professur Mamo**:

*"The mere demand by the public officer or servant, provided it is serious and calculated potentially to achieve the intent, is sufficient to complete the crime."*

Dan hu reat formali u dak li l-ligi thoss li ghandha tipprevjeni ma hux d-dritt ta' pussess privat izda d-dritt pubbliku li l-istat ghandu jiggarantixxi li jagixxi b'mod gust u ekwu tramite r-rappresentanti tieghu u cioe l-impjegati pubblici, u dan d-dritt huwa vjolat meta impjegat pubbliku jesigi dak li mhux intitolat ghalih jew <u>hu in eccess ghal dak li hu intitolat ghalih</u> jew jesigi dak li ma jkunx ghadu dovut lilu. Ghalhekk b'dan nifhmu ahjar dak li trid il-ligi meta fid-disposizzjoni fuq imsemmija insibu l-kelma "tesigi" u cioe fis-sens li ghandha tifhem li rikjesta llecita hija bizzejjed ghal esistenza ta' dan r-eat u m'hemmx bzonn li dak li jkun, ikun ircieva dak li talab jew ahjar esiga.

Lanqas ma huwa necessarju skond l-ligi li l-ufficjal pubbliku li jesigi flus jew hwejjeg, jaghmel dan ghal gwadan tieghu. Huwa reat anke jekk dak l-ufficjal jesigi flus jew hwejjeg mhux dovuti legalment u jircievi u jehodhom ghal gwadan tal-Gvern.

Skond l-awtur Taljan **Maino**:

*"Il reato di consuccione consisteva nell'abuso dell'autorita per <u>riscuotere cio che non e' dovuto per tasso diritti o altre contribuzioni</u>."*

**Fit-tielet lok**, huwa mehtieg li dak li jghamel ufficjal pubbliku, ghamlu fil-qadi ta' dmirijietu. Mhux necessarju li l-malvivent li jitlob il-flus jew hwejjeg illegalment, jaghmel hekk b'mod volut "knowingly", izda semplicement huwa rikjest li jigi ppruvat li dak li ghamel u cioe esiga l-flus jew hwejjeg ghalih meta ma kienx intitolat li jaghmel hekk.

Qabel ma din il-Qorti ser tiddiskuti l-fatti specie tal-kawza odjerna, thoss li ghandha tfakkar lil Prosekuzzjoni, li l-grad ta' prova li ghandha tilhaq hu dak li ma jhalli ebda ombra dettat <u>mir-raguni</u> u mhux xi grad ta' prova li ma jhalli ebda <u>ombra</u> ta' dubbju. Id-dubbji ombra, ma jistghux jitqiesu bhala dubbji dettati mir-raguni. Fi kliem iehor dak li gudikant irid jasal ghalih huwa li, wara li jqis c-cirkostanzi u l-provi <u>kollha</u> u b'applikazzjoni tal-boun sens tieghu ikun moralment konvint minn dak l-fatt li trid tipprova l-Prosekuzzjoni.

Kif gie ritenut fis-sentenza **Il-Pulizija v Paul Farrugia** moghtija mill-***Qorti tal-Appell Kriminali nhar t-tlieta ta' Marzu 2000***:

"*Hija dejjem l-Prosekuzzjoni li trid tipprova l-elementi kollha tar-reat u dan permezz ta' provi jew diretti jew indizzjarji u sal-grad tal-konvinciment morali tal-gudikant."*

Illi pero huwa importanti wkoll li jigi enfasizzat f'dan l-istadju dak li ntqal fis-sentenza moghtija mill-***Qorti tal-Appell Kriminali nhar id-disgha ta' Gunju, 1998*** fl-ismijiet **Il-Pulizija v Dawood Sayed Dawood Abdel El Kaader** fejn saret referenza ghal dak li qal Lord Normand fil-kawza fl-ismijiet **Teper vs The Queen [1952] AC 480, 489** fejn intqal:

*"It is <u>also</u> necessary before drawing the inference of the accused's guilt from circumstantial evidence to be sure that there are <u>no other co-existing circumstances which would weaken or destroy the inference."</u>*

Jigi rilevat li prova cirkostanzjali trid twassal ghal prova univoka u cioe l-unika interpretazzjoni li dik il-prova cirkostanzjali hija wahda biss u meta tali prova tkun ekwivoka, din <u>il-prova ma jkollha ebda prova legali</u>.

Din il-Qorti taghmel referenza ghal dak li ntqal fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija v David Gatt** deciza ***mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar s-sbatax ta' Gunju, 1998*** dwar prova cirkostanzjali u cioe li:

"*Provi cirkostanzjali huma bhal katina li tintrabat minn tarf ghal tarf b'sensiela ta' ghoqiedi li jorbtu ma xulxin u li flimkien jwasslu fl-istess direzzjoni.*"

Bhala fatt jirrizulta li Rachael McKay, Gloria Galea u Caroline McKay waslu Malta minn Sqallija fid-disgha ta' Awissu 2002 ghll-habta tat-tmienja w nofs pero r-rapport minn Anthony McKay dwar l-allegat reati in kwistjoni sar ma Ino Galea nhar t-tnejn ta' Settembru 2002 u cioe kwazi xahar wara l-allegat incident, u dan nonostante meta

xehed Anthony McKay il-Qorti nhar t-tmintax ta' Novembru 2003 u gie mistoqsi ghaliex dam biex jaghmel r-rapport huwa wiegeb li ma jiftakarx x-xahar meta sar l-allegat incident.
Sussegwentement fix-xhieda tieghu tat-tmintax ta' Frar 2004 meta rega' gie mistoqsi ghaliex dam xahar biex jaghmel r-rapport, ix-xhud Anthony McKay wiegeb li xtaq jahfer lil imputat dwar s-somma li kien talbu izda rega' bdielu meta allegatament kien gej lura minn xi vaganza fil-Bulgarija u l-imputat qabad mieghu. Qal li f'din l-okkazzjoni ahharija ma kellu xejn fuqu ta' pregju izda dan nonostante l-imputat talbu biex jghaddi mid-dwana. Qal li kien fil-kumpanija ta' certu John Caruana pero f'ebda hin ma l-Prosekuzzjoni ressqet lil dan John Caruana sabiex jikkorrobora dak li qal x-xhud Anthony McKay dwar l-okkazzjoni fl-Ajruport Internazzjonali ta' Malta.

Ix-xhud ma deherx kredibbli f'dak li qal u dejjem jikkorregi ruhu f'dak li jghid kemm meta qal li dahhal merca mill-Bulgarija f'ismu u wara jghid li dahhal l-merca fuq licenzja ta' haddiehor kif wkoll dwar dak li gara f'Sea Terminal nhar d-disgha ta' Awissu 2002.

Illi Caroline McKay nhar t-tlieta w ghoxrin ta' Gunju 2004 tghid li l-imputat fethilha l-bagalji u kien wara li fetah il-bagalji li talabha sebghin lira f'dazju biex ikunu jistghu jghaddu.

Gloria Galea meta xehdet ma qalitx li l-imputat fethilha l-bagalja anzi tghid li baqghet ghaddejja mid-dwana u hadd ma waqqafha u fil-fatt lanqas kienet taf li l-imputat kien talabhom xi flus.

Rachael McKay fix-xhieda taghha tat-tlieta w ghoxrin ta' Gunju 2004, tghid li l-imputat ma fethilhomx il-bagalji qabel ma talabha il-flus. Tghid wkoll li l-imputat l-ewwel talbaha sebghin lira maltin f'dazju, imbaghad hamsin lira imbaghad tletin lira u wara ghoxrin lira. Fl-istess xhieda taghha tat-tlieta w ghoxrin ta' Gunju 2004, qalet li dejjem kienet fil-presenza ta' Gloria Galea u Caroline McKay, anke meta giet mitluba l-flus. Dan imur kuntrarjament ghal dak li qalet Gloria Galea.

Gloria Galea pero ma ftakritx jekk l-imputat talabx xi flus lil Rachael McKay waqt li Caroline McKay tghid li l-imputat talabha sebghin lira biss u fl-ebda hin ma tghid li l-imputat talabha xi somma ohra verjuri.

Minn naha l-ohra, Hector Piccinino spettur fid-dwana, jghid li huwa kien jaf li l-imputat talabhom hamsin lira pero spjiega li l-imputat ghamel hekk ghaliex haseb li l-oggetti konsistenti f'numru kbir ta' pupi kellhom jigu valutati skond rata kummercjali u mhux domestika.

Illi sussegwentement dahal r-ragel ta' wiehed mill-passiggieri, certu Anthony McKay, li beda johloq hafna problemi fost storbju u dagha u ghalhekk hassu mhedded u rega', flimkien mal-imputat, ghamel ezami mill-gdid tal-oggetti mpurtati, pero din d-darba mhux bir-rata kummercjali ghaliex emmen dak li qalu l-istess passiggieri, li l-merca konsistenti fost affarijiet ohra, f'mitejn toy kienu ghal uzu personali. Emmen lil passiggier li kienu ser jigu uzati ghal xi ricevement ta' precett.

L-imputat xehed li huwa minnu li fetah il-valiggja ta' dawn t-tlett persuni pero fil-presenza ta' Hector Piccinino u mhux qabel meta kien waqqaf lit-tlett passiggieri kif qalet Rachael McKay. Spjega li kien veru li talabha hamsin lira pero dan ghaliex haseb li d-dazju dovut kien wiehed kummercjali u ghalhekk, skond l-kalkolu li ghamel dak l-ammont kien dovut. Pero wara, fil-presenza tas-superjur tieghu, giet mehuda decizjoni li r-rata kellha tkun wahda domestika u mhux kummercjali u ghalhekk l-ammont ta' dazju dovut kien hafna inqas. Huwa spjiega fix-xhieda tieghu b'mod dettaljat ta' kif s-somma li talab wasal ghaliha.

Mistoqsi jekk rax lil Anthony McKay wara dan l-incident, l-imputat wiegeb li fit-tnejn ta' Settembru 2002, Anthony McKay kien gej lura Malta mill-Bulgarija u xtaq jghaddi mill-green channel. Hdejh kien hemm l-ispettur tad-dwana Joseph Farrugia u waqfu. Qal li fil-fatt dakinhar Anthony McKay spicca hallas dsatax il-lira maltin u kien

ghalhekk li Anthony McKay kien ipproceda b'dan r-rapport biex jivvindika ruhu minnu.

Fil-fatt meta Joseph Farrugia xehed, huwa elabora dak li kien qal l-imputat dwar dak li kien sehh dakinhar tat-tnejn ta' Settembru 2002 fl-Ajruport Internazzjonali ta' Malta.

Illi ghalhekk minn tali xhieda jirrizulta li veru li l-imputat huwa ufficjal pubbliku u li veru talab flus fil-qadi ta' dmirijietu pero tali talba ma kienetx talba llegali izda wahda fil-parametri tal-ligi, skond kif haseb li kellu jigi dikjarat il-merca in kwistjoni u fil-fatt meta l-ammont gie rivedut fil-presenza tas-superjuri tieghu, is-somma pretiza w imhallsa skond l-ligi kienet izghar.

Illi ghalhekk **il-Qorti ma thossx li l-Prosekuzzjoni irnexxilha tipprova din l-ewwel akkuza**.

**Dwar t-tieni akkuza**, u cioe dik ta' korruzzjoni ta' ufficjal kif kontemplat fl-artikolu 115 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti taghmel referenza ghal sentenza moghtija mill-***Qorti tal-Appell Kriminali nhar t-tlettax ta' Marzu 1997*** fl-ismijiet **Il-Pulizija v Omissis Carmelo sive Charles Attard** fejn intqal li bhala premessi fondamentali ghas-sussistenza ta' dan r-reat, l-artikolu 115 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tippreciza li:

*"Jkun hemm r-reat ta' korruzzjoni meta kwalunkwe <u>ufficjal</u> jew <u>impjegat pubbliku</u> jircievi jew jaccetta ghalih jew ghal haddiehor, xi rigal jew weghda, jew xi offerta ta' xi rigal fi flus jew f'utili iehor, jew ta' xi vantagg iehor li ghalihom huwa ma jkollux jedd u jippreciza in oltre, li tali abbuz irid ikun sar in konnessjoni mal-kariga jew impjieg tieghu …"*

Dik l-istess ***Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza moghtija nhar l-hdax ta' Dicembru 1956*** fl-**ismijiet Il-Pulizija v Geraldo Sacco**, sostniet li:

*"Biex tkun tista tigi sostnuta l-korruzzjoni, hemm bzonn qabel xejn li jigi stabbilit ness bejn l-accettazzjoni ta' flus jew utili iehor u l-ezercizzju tal-kariga jew impjieg pubbliku."*

Illi bir-rispett kollu l-fatti tal-kaz hekk kif fuq spjiegati ma jinkwadrawx ruhhom f'tali reat, lanqas remotament u ghalhekk din il-Qorti ser tieqaf hawn.

**Ghalhekk il-Qorti wara li rat l-artikoli tal-ligi kif mibghuta mill-Avukat Generali u cioe l-artikolu 112 u 115 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tiddikjara li ma ssibx lil imputat ALFRED ATTARD hati tal-akkuzi kif dedotti kontra tieghu u tilliberah minhom.**

**Dwar it-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex l-Qorti tikkudnanna lil imputat jhallas l-ispejjes ta' esperti u periti nominati tul l-kumpilazzjoni, peress li l-Qorti lliberat lil imputat mill-akkuzi migjuba kontra tieghu, tastjeni milli tiehu konjizzjoni ta' tali talba.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------